**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' April, 2016**

**Rikors nru: 312/2007 MLF**

**Vella Group Limited**

**vs**

**Water Services Corporation**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn seba' mija u disa' Liri Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm2,709.64) oltre l-imghax legali bir-rata applikabbli skond l-Artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-prezz ta' xogholijiet ta' skavar u xogholjiet ohra relatati maghmula fuq appalt moghti minnha fi Triq il-Waqqafa, Mosta bejn Jannar u Marzu, 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Awwissu 2006, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fejn eccepiet:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-Korporazzjoni konvenuta, li permezz taghha, ai termini tal-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2008, spjegat l-eccezzjonijiet taghha bil-mod segwenti:

1. Illi ma tezisti l-ebda obbligazzjoni kontrattwali bejn il-Korporazzjoni konvenuta u s-socjeta attrici, u ghalhekk is-socjeta attrici jehtigilha taghti prova tal-ezistenza tal-appalt minnha imsemmi fir-rikors promotur;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici jehtieg li jigi ppruvat;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunwke ammont talvolta dovut lis-socjeta attrici mhux dovut mill-Korporazzjoni konvenuta, izda minn terzi.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta, u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. F'Dicembru 2004, is-socjeta attrici hadet tender mahrug mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku (ADT) ghal kostruzzjoni ta' triq gdida maghrufa bhala Triq il-Waqqafa gewwa l-Mosta. It-triq kienet imharbta u mhux asfaltata, u l-kuntratt kien ghal bini mill-gdid tat-triq.

2. Is-socjeta attrici kitbet lill-ADT u lill-provdituri tas-servizzi, fosthom lill-korporazzjoni konvenuta sabiex dawn jigu fuq is-sit tax-xogholijiet sabiex huma jimmarkaw minn fejn ghaddejjin is-servizzi taghhom, halli ma ssirx hsara waqt it-tahmil u xoghol iehor.
3. Wara studju li sar fuq it-triq, gie deciz li l-*mains tal-ilma* illi kienu ghaddejjin taht l-istess triq kellhom jitbaxxew sabiex ix-xoghol tal-asfaltar tat-triq isir skond l-arti u s-sengha. Inoltre skond ix-xhieda ta’ John Mary sive Jimmy Vella, skond il-pjanti tal-Awtorita ta’ Malta tal-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA), il-livell tat-triq kellu jitbaxxa bi ftit pulzieri u ghalhekk il-mains tal-ilma kien hemm bzonn li jitbaxxew xi ftit.
4. Is-socjeta konvenuta baghtet email fejn ikkonfermat li x-xoghol ghandu jsir, pero ma semmiet xejn dwar hlas.[1]
5. Ix-xogholijiet sabiex jitbaxxew il-mains tal-ilma saru, u l-korporazzjoni intimata gieli baghtet foreman fuq il-lant tax-xoghol u anke, fuq talba tas-socjeta attrici, issuplixxiet fittings, pajpijiet u hwejjeg ohra.
6. Is-socjeta attrici talbet lis-socjeta intimata tikkonferma li se thallas ghal dawn ix-xogholijiet.
7. Il-korporazzjoni intimata kitbet lill-ADT fejn infurmatha li qed tirrifjuta li thallas ghaliex fl-ewwel lok, il-mains tal-ilma originali kienu tpoggew hazin mill-istess socjeta attrici fis-sena 2000. Fi kwalunkwe kaz jekk il-MEPA biddlet il-livell tat-triq, is-socjeta attrici ghandha tigi kompensata jew mill-ADT jew mill-MEPA jew minn min iddecieda li jbiddel il-livell tat-triq.[2]
8. L-ADT irrifjutat li thallas ghall-ispejjez inkorsi mis-socjeta attrici biex tbaxxi l-mains tal-ilma, ghax skond din l-Awtorita il-hlas ghandu jsir mill-korporazzjoni konvenuta.[3]

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

L-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta, kif spjegata minnha fin-nota sussegwenti taghha hija li ma tezisti l-ebda obbligazzjoni kontrattwali bejn il-Korporazzjoni konvenuta u

[1] Ara Dok JV7 a fol. 32 tal-process.
[2] Ara Dok JV17 a fol. 44 tal-process.
[3] Ara Dok JV22 a fol 75 tal-process.

s-socjeta attrici, u ghalhekk is-socjeta attrici jehtigilha taghti prova tal-ezistenza tal-appalt minnha imsemmi fir-rikors promotur.

Fid-dawl tal-fatti suesposti, il-Qorti taqbel ma' din l-eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta, u dan stante li l-appalt li hadet is-socjeta attrici kien mal-ADT u mhux mas-socjeta konvenuta. Huwa veru, li ghal diversi ragunijiet, kien necessarju li l-mains tal-ilma tal-korporazzjoni konvenuta li kienu ghaddejjin taht l-art jitbaxxew. Kif xehed il-Perit Joseph Attard, li dak iz-zmien kien impjegat tal-ADT u inkarigat minn dan il-progett, fit-*tender document* li gie iffirmat bejn l-ADT u s-socjeta attrici ma kienx hemm imnizzel ix-xogholijiet fuq il-mains tal-ilma, ghax originarjament huma ma kienux jafu li kien hemm bzonn li dawn jiccaqalqu. Pero skond l-istess xhieda tal-Perit Attard, jekk waqt xoghol intrapriz mill-ADT jinqala l-bzonn li jsir xoghol ukoll fuq il-*mains* tal-ilma *"hemm prattika li ... ... il-kuntrattur li jkun imqabbad mill-ADT jaghmel ix-xoghol tal-ilma."*[4]

Fil-fatt il-korporazzjoni konvenuta ma oggezzjonatx li jitbaxxew il-mains tal-ilma mis-socjeta attrici. Dak li qed tghid is-socjeta huwa illi ladarba is-socjeta attrici kienet il-kuntrattur tal-ADT, u ma gietx inkarigata minnha biex taghmel dawn ix-xogholijiet, ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta attrici, u l-ammont li s-socjeta attrici qed tippretendi mhux dovut minnha. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li dan l-argument jaghmel sens legalment.

Fix-xhieda tieghu, John Mary sive Jimmy Vella jghid li s-servizzi tal-provdituri tas-servizzi l-ohra ukoll kellhom jitbaxxew jew jersqu ghall-istess ragunijiet jew ragunijiet simili ghal dawk fil-kawza odjerna, u dawn il-provdituri tas-servizzi, hallsu lis-socjeta attrici ghax-xoghol li ghamlu.[5] Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li ma ngabet l-ebda prova ta' dan, u wisq inqas li s-sitwazzjoni legali ta' dawn il-provdituri kienet identika ghal dik tal-korporazzjoni intimata. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghal grazzja tal-argument biss, is-sitwazzjoni legali ta' dawn il-provdituri kienet identika ghal dik tal-kaz odjern, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, dawn il-provdituri ma kellhom ebda obbligu li jhallsu lis-socjeta attrici, jekk huma ma kienux inkargaw espressament lis-socjeta attrici taghmel xi xoghol ghalihom.

[4] Ara xhieda tal-Perit Joseph Attard a fol. 55 tal-process.
[5] Ara fol. 22 tal-process.

Certament mhux kompitu ta' din il-Qorti, f'dawn il-proceduri, li tghid min ghandu jhallas ghax-xoghol tal-ilma li sar mis-socjeta attrici.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta u tiddikjara li ma tezisti l-ebda obbligazzjoni kontrattwali bejn il-Korporazzjoni konvenuta u s-socjeta attrici, u konsegwentement it-talba tas-socjeta attrici qieghda tigi michuda.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**